Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 445/2011

tal-10 ta' Mejju 2011

dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 653/2007

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/780 tat-12 ta' Ġunju 2020	L 188	8	15.6.2020

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 445/2011

tal-10 ta' Mejju 2011

dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 653/2007

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Skop

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija skont l-Artikolu 14(a) tad-Direttiva 2004/49/KE.

2. L-iskop tas-sistema taċ-ċertifikazzjoni huwa li din tipprovdi evidenza li entità responsabbli mill-manutenzjoni tkun stabbiliet is-sistema tal-manutenzjoni tagħha u tkun tissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament biex tiżgura l-istat sikur li kull vagun tal-merkanzija li tiegħu hija responsabbli għalih.

Artikolu 2

Ambitu

1. Is-sistema taċ-ċertifikazzjoni għandha tapplika għal kull entità responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija li jintużaw fuq in-netwerk ferrovjarju fl-Unjoni.

2. Il-workshops tal-manutenzjoni jew kwalunkwe organizzazzjoni li twettaq xi parti mill-funzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 4 jistgħu jidħlu fis-sistema taċ-ċertifikazzjoni fuq bażi volontarja, abbażi tal-prinċipji speċifikati fl-Artikolu 8 u l-Anness I.

3. Ir-referenzi għal maniġers tal-infrastruttura fl-Artikoli 5, 7 u 12 għandhom jinftiehmu li huma relatati mal-operazzjonijiet tagħhom mal-vaguni tal-merkanzija għat-trasport ta' materjali għall-kostruzzjoni jew attivitajiet ta' manutenzjoni tal-infrastruttura. Meta joperaw vaguni tal-merkanzija jintużaw għal dan l-iskop, il-maniġers tal-infrastruttura jagħmlu dan fil-kapaċità ta' impriża ferrovjarja.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/49/KE għandhom japplikaw.

2. Minbarra dan, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "akkreditament" tfisser akkreditament kif definit fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

(b) "ċertifikat ECM" tfisser ċertifikat maħruġ lill-entità responsabbli mill-manutenzjoni skont l-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2004/49/KE;

(c) "korp taċ-ċertifikazzjoni" tfisser korp, indikat skont l-Artikolu 10, bħala responsabbli miċ-ċertifikazzjoni ta' entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni, abbażi tal-kriterji fl-Anness II;

▼B

(d) “vagun tal-merkanzija” tfisser vettura mingħajr awtopropulsjoni maħsuba għat-trasport tal-merkanzija jew materjali oħra biex jintużaw f’attivitajiet bħal bini jew manutenzjoni tal-infrastruttura;

(e) “workshop tal-manutenzjoni” tfisser entità mobbli jew fissa magħmula minn persunal, inklużi dawk responsabbi mill-immaniġġjar, għodda u faċilitajiet organizzati biex iwettqu manutenzjoni fuq il-vetturi, il-partijiet, il-komponenti jew assemblaġġi sekondarji tal-vetturi.

(f) “rilaxx għas-servizz” tfisser il-garanzija mogħtija lill-maniġer tal-flotta ta’ manutenzjoni, mill-entità li qed tipprovdi l-manutenzjoni, li l-manutenzjoni ġiet ipprovduta skont l-ordnijiet ta’ manutenzjoni;

(g) “ritorn għall-operazzjoni” tfisser il-garanzija, ibbażata fuq ir-rilaxx għas-servizz, mogħtija lill-utent, bħall-impriża ferrovjarja jew sid, mill-entità responsabbli mill-manutenzjoni li x-xogħlijiet ta’ manutenzjoni xierqa kollha tlestew u l-vagun, li preċedentement kien tneħħa mill-operazzjoni, huwa f’kundizzjoni li jintuża b’mod sikur, bil-possibbiltà li jkun suġġett għal restrizzjonijiet temporanji fuq l-użu.

Artikolu 4

Is-Sistema tal-Manutenzjoni

1. Is-sistema tal-manutenzjoni għandu jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) il-funzjoni tal-immaniġġjar, li tissorvelja u tikkoordina l-funzjonijiet tal-manutenzjoni msemmija fil-punti minn (b) sa (d) u tiżgura l-istat sikur tal-vagun tal-merkanzija fis-sistema tal-linji tal-ferrovija;

(b) il-funzjoni tal-iżvilupp tal-manutenzjoni, li hija responsabbli għall-immaniġġjar tad-dokumentazzjoni tal-manutenzjoni, inkluż l-immaniġġjar tal-konfigurazzjoni, ibbażat fuq id-disinn u d-dejta operattiva kif ukoll fuq il-prestazzjoni u r-ritorn fuq l-esperjenza;

(c) il-funzjoni tal-immaniġġjar tal-manutenzjoni tal-flotta, li jimmaniġġja l-irtirar tal-vagun tal-merkanzija għall-manutenzjoni u r-ritorn tiegħu fis-servizz wara l-manutenzjoni; u

(d) il-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni, li tagħmel il-manutenzjoni teknika meħtieġa fuq vagun tal-merkanzija jew partijiet minnu, inkluż id-dokumentazzjoni tar-ritorn tiegħu fis-servizz.

2. L-entità responsabbli mill-manutenzjoni għandha tiżgura li l-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness III.

3. L-entità responsabbli mill-manutenzjoni għandha twettaq il-funzjoni tal-immaniġġjar hi stess, iżda tista’ tissottokuntratta l-funzjonijiet tal-manutenzjoni msemmija fil-punti minn (b) sa (d) tal-paragrafu 1, jew partijiet minnhom, lil partijiet oħra kontraenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8. Meta jintużaw sottokuntratti, l-entità responsabbli mill-manutenzjoni għandha tiżgura li l-prinċipji stabbiliti fl-Anness I jiġu applikati.

▼B

4. Irrispettivament mill-arranġamenti ta' kuntratti esterni fis-seħħ, l-entità responsabbli mill-manutenzjoni għandha ġġorr ir-responsabbiltà tar-riżultat tal-attivitajiet tal-manutenzjoni li timmaniġġja u għandha tistabbilixxi sistema biex tissorvelja l-prestazzjoni.

Artikolu 5

Ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet involuti fil-manutenzjoni

1. L-impriżi ferrovjarji jew maniġers tal-infrastruttura kollha għandhom jiżguraw li l-vaguni tal-merkanzija li joperaw ikollkom, qabel it-tluq tagħhom, entità responsabbli mill-manutenzjoni ċċertifikata u li l-użu ta' dak il-vagun jikkorrispondi għall-ambitu taċ-ċertifikat.

2. Il-partijiet kollha involuti fil-proċess ta' manutenzjoni għandhom ikollhom skambju ta' informazzjoni rilevanti dwar il-manutenzjoni skont il-kriterji elenkati fit-taqsimiet I.7 u I.8 tal-Anness III.

3. Meta jkunu saru arranġamenti kuntrattwali, impriża ferrovjarja tista' titlob informazzjoni għal skopijiet operattivi dwar il-manutenzjoni ta' vagun tal-merkanzija. L-entità responsabbli mill-manutenzjoni tal-vagun tal-merkanzija għandha twieġeb talbiet bħal dawn direttament jew permezz ta' partijiet ikkuntrattati oħra.

4. Meta jkunu saru arranġamenti kuntrattwali, entità responsabbli mill-manutenzjoni tista' titlob informazzjoni dwar il-ħidma ta' vagun tal-merkanzija. L-impriża ferrovjarja jew il-maniġer tal-infrastruttura għandhom iwieġbu talbiet bħal dawn direttament jew permezz ta' partijiet kontraenti oħra.

5. Il-partijiet kontraenti kollha għandhom jiskambjaw l-informazzjoni dwar malfunzjonamenti marbuta mas-sikurezza, aċċidenti, inċidenti, kważi inċidenti, u ġrajjiet perikolużi oħra kif ukoll dwar kull restrizzjoni possibbli fuq l-użu tal-vaguni tal-merkanzija.

6. Iċ-ċertifikati tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni għandhom jiġu aċċettati bħala prova tal-ħila tal-impriżi ferrovjarji jew il-maniġers tal-infrastruttura li jissodisfaw ir-rekwiżiti li jirregolaw il-manutenzjoni jew il-kontroll tal-kuntratturi u l-forniturі speċifikati fl-Anness II, punti B.1, B.2, B.3 u C.1, għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2010 tad-9 ta' Diċembru 2010 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex jinkisbu ċertifikati [1] tas-sikurezza ferrovjarja u r-Regolament Kummissjoni (UE) Nru 1169/2010 tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sikurezza ferrovjarja [2], sakemm l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza ma jistgħux juru l-eżistenza ta' riskju sostanzjali għas-sikurezza.

7. Jekk parti kontraenti, b'mod partikolari impriża ferrovjarja, ikollha raġuni valida li tindika li entità partikolari responsabbli mill-manutenzjoni ma tkunx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 14a(3) tad-Direttiva 2004/49/KE jew mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni ta' dan ir-Regolament, hija għandha tgħarraf minnufih lill-korp taċ-ċertifikazzjoni tagħha. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jieħu l-azzjoni xierqa biex jivverifika jekk il-kontenzjoni ta' nuqqas ta' konformità hijiex ġustifikata u għandu jinforma lill-partijiet involuti (inkluż lill-awtorità nazzjonali tas-sikurezza kompetenti jekk ikun rilevanti) bir-riżultati tal-investigazzjoni tiegħu.

[1] ĠU L 326, 10.12.2010, p. 11.
[2] ĠU L 327, 11.12.2010, p. 13.

▼B

8. Meta jkun hemm bidla fl-entità responsabbli mill-manutenzjoni, id-detentur tar-reġistrazzjoni, kif indikat fl-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), għandu jinforma lil-entità ta' reġistrazzjoni fil-ħin, kif definit fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE ([2]), sabiex din tal-aħħar tista' taġġorna ir-reġistru nazzjonali tal-vetturi.

L-entità li qabel kienet responsabbli mill-manutenzjoni għandha tgħaddi d-dokumentazzjoni tal-manutenzjoni lid-detentur tar-reġistrazzjoni jew lill-entità l-ġdida responsabbli mill-manutenzjoni.

L-entità li qabel kienet responsabbli mill-manutenzjoni tinħeles mir-responsabbiltajiet tagħha meta din titneħħa mir-reġistru nazzjonali tal-vetturi. Jekk fid-data tad-dereġistrazzjoni tal-entità li qabel kienet responsabbli mill-manutenzjoni l-ebda entità ġdida ma tkun irrikonoxxiet l-aċċettazzjoni tagħha tal-istat ta' entità responsabbli mill-manutenzjoni, ir-reġistrazzjoni tal-vettura tiġi sospiża.

Artikolu 6

Korpi taċ-ċertifikazzjoni

1. Iċ-ċertifikati ECM għandhom jingħataw minn kwalunke korp taċ-ċertifikazzjoni kompetenti, magħżul mill-entità responsabbli miċ-ċertifikazzjoni applikanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkunu konformi mal-kriterji u l-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Anness II u ma' kwalunkwe skema sussegwenti ta' akkreditament settorjali.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda mill-korpi ta' ċertifikazzjoni jkunu suġġetti għal reviżjoni ġuridika.

4. Sabiex jiġu armonizzati l-approċċi għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jikkooperaw bejniethom kemm fl-Istati Membri u kemm madwar l-Unjoni.

5. L-Aġenzija għandha torganizza u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

Artikolu 7

Sistema taċ-ċertifikazzjoni għall-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni

1. Iċ-ċertifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-ħila tal-entità responsabbli mill-manutenzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti fl-Anness III u tapplikahom b'mod konsistenti. Hija għandha tinkludi sistema ta' sorveljanza biex tiżgura l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti applikabbli wara li jingħata ċ-ċertifikat ECM.

2. L-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni għandhom japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni permezz tal-formola rilevanti fl-Anness IV u billi jipprovdu evidenza ddokumentata tal-proċeduri speċifikati fl-Anness III. Huma għandhom jipprovdu minnufih l-informazzjoni addizzjonali kollha mitluba mill-korp taċ-ċertifikazzjoni. Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom japplikaw ir-rekwiżiti u l-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness III.

([1]) ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 305, 23.11.2007, p. 30.

▼B

3. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jieħu deċiżjoni mhux aktar tard minn erba' xhur wara li l-informazzjoni kollha meħtieġa u kull informazzjoni addizjonali mitluba jiġu ppreżentati lilu mill-entità responsabbli mill-manutenzjoni li tapplika għaċ-ċertifikat. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jwettaq il-valutazzjoni neċessarja fis-sit jew siti tal-entità responsabbli mill-manutenzjoni qabel ma jingħata ċ-ċertifikat. Id-deċiżjoni dwar l-għoti taċ-ċertifikat għandha tiġi kkomunikata lill-entità responsabbli mill-manutenzjoni permezz tal-formola rilevanti fl-Anness V.

▼M1

4. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/779 ([1]), ċertifikat ECM għandu jkun validu għal perjodu sa ħames (5) snin. Id-detentur taċ-ċertifikat għandu jinforma, mingħajr dewmien, lill-korp taċ-ċertifikazzjoni dwar kull bidla sinifikanti fiċ-ċirkostanzi applikabbli fiż-żmien meta ngħata ċ-ċertifikat oriġinali biex il-korp taċ-ċertifikazzjoni jkun jista' jiddeċiedi jekk għandux jemendah, iġeddu jew jirrevokah.

▼B

5. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jiġbor fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom tiġi bbażata kull deċiżjoni tiegħu. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jgħarraf bid-deċiżjoni tiegħu u r-raġunijiet lill-entità responsabbli mill-manutenzjoni, flimkien ma' indikazzjoni tal-proċess, limitu ta' żmien għall-appell u d-dettalji ta' kuntatt tal-korp ta' appell.

6. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jwettaq sorveljanza mill-inqas darba fis-sena fuq siti magħżula, li huma geografikament u funzjonalment rappreżentattivi tal-attivitajiet kollha ta' dawk l-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni li ġew iċċertifikati minnu, sabiex jivverifika li l-entitajiet għadhom jissodisfaw l-kriterji stabbiliti fl-Anness III.

7. Jekk il-korp taċ-ċertifikazzjoni isib li entità responsabbli mill-manutenzjoni ma tissodisfax iżjed ir-rekwiżiti li ngħata ċ-ċertifikat abbażi tagħhom, huwa għandu jiftiehem fuq pjan ta' titjib flimkien mal-entità responsabbli mill-manutenzjoni, jew jillimta l-ambitu tal-applikazzjoni taċ-ċertifikat, jew jissospendi ċ-ċertifikat, skont il-livell ta' nuqqas ta' konformità.

F'każ ta' nuqqas ta' konformità kontinwu mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni jew kwalunkwe pjan ta' titjib, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jillimita l-ambitu jew jirtira ċ-ċertifikat ECM, u jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, flimkien ma' indikazzjoni tal-proċess u l-limitu ta' żmien għall-appell u d-dettalji ta' kuntatt tal-korp ta' appell.

8. Meta impriża ferrovjarja jew maniġer tal-infrastruttura japplikaw għal ċertifikat tas-sikurezza jew awtorizzazzjoni tas-sikurezza, għandu japplika dan li ġej fir-rigward tal-vaguni tal-merkanzija li jintużaw minnhom:

(a) fejn il-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija ssir mill-applikant, l-applikant jew għandu jinkludi ċertifikat ECM validu bħala parti mill-applikazzjoni tiegħu, jekk disponibbli, jew il-kapaċità tiegħu bħala entità responsabbli mill-manutenzjoni għandha tiġi vvalutata bħala parti mill-applikazzjoni tiegħu għal ċertifikat tas-sikurezza jew awtorizzazzjoni tas-sikurezza;

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/779 tas-16 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni tal-vetturi skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 360).

▼B

(b) fejn il-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija ssir minn partijiet minbarra l-applikant, l-applikant għandu jiżgura, permezz tas-sistema tal-immaniġġjar tas-sikurezza tiegħu, il-kontroll tar-riskji kollha relatati mal-attivitajiet tiegħu, inkluż l-użu ta' tali vaguni, fejn, b'mod partikolari, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

Korpi taċ-ċertifikazzjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza għandhom jagħmlu skambju attiv ta' opinjonijiet fiċ-ċirkostanzi kollha biex jevitaw valutazzjoni doppja.

Artikolu 8

Sistema taċ-ċertifikazzjoni għal funzjonijiet tal-manutenzjoni sottokuntrattati

1. Fejn entità responsabbli mill-manutenzjoni tiddeċiedi li tissottokuntratta funzjoni waħda jew aktar minn imsemmija fl-Artikolu 4(1)(b), (c) u (d), jew partijiet minnhom, iċ-ċertifikazzjoni volontarja tal-kuntrattur fl-ambitu tas-sistema ta' ċertifikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha toħloq suppożizzjoni ta' konformità tal-entità responsabbli mill-manutenzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III, safejn dawn ir-rekwiżiti huma koperti miċ-ċertifikazzjoni volontarja tal-kuntrattur. Fin-nuqqas ta' tali ċertifikazzjoni, l-entità responsabbli mill-manutenzjoni għandha turi lill-korp taċ-ċertifikazzjoni kif din tikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Anness II fir-rigward tal-funzjonijiet li hija tiddeċiedi tissottokuntratta.

2. Iċ-ċertifikazzjoni fir-rigward ta' funzjonijiet ta' manutenzjoni sottokuntrattati, jew partijiet minnhom, għandha tinħareġ mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni, billi jiġu segwiti l-istess proċeduri fl-Artikoli 6, 7, u 10(3), skont il-każ speċifiku tal-applikant. Dawn għandhom ikunu validi fl-Unjoni kollha.

Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati fir-rigward tal-funzjonijiet tal-manutenzjoni sottokuntrattati, jew partijiet minnhom, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom isegwu l-prinċipji stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 9

Ir-rwol tar-reġim tas-sorveljanza

Jekk awtorità nazzjonali tas-sikurezza jkollha raġuni valida għalxiex temmen li entità partikolari responsabbli mill-manutenzjoni ma tkunx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 14a(3) tad-Direttiva 2004/49/KE jew ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ta' dan ir-Regolament, hija għandha tieħu d-deċiżjoni meħtieġa mill-ewwel u tinforma lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra, lill-korp taċ-ċertifikazzjoni u lill-partijiet l-oħra interessati f'tali deċiżjoni.

Artikolu 10

Għoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija

1. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2011, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni jekk il-korpi taċ-ċertifikazzjoni humiex korpi akkreditati, korpi rikonoxxuti jew awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza. Dawn għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil f'din is-sitwazzjoni fi żmien xahar mill-bidla.

▼B

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2012, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Aġenzija bil-korpi taċ-ċertifikazzjoni rikonoxxuti. Il-korpi akkreditati kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija dwar il-korpi taċ-ċertifikazzjoni akkreditati. Kwalunkwe bidla għandha tiġi nnotifikata wkoll lill-Aġenzija fi żmien xahar mill-bidla.

3. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jinnotifikaw lill-Aġenzija dwar kull ċertifikat ECM maħruġ, emendat, imġedded jew revokat jew dwar ċertifikati għal funzjonijiet speċifiċi skont l-Artikolu 4(1), fi żmien ġimgħa mid-deċiżjoni tagħha, skont il-formoli fl-Anness V.

4. L-Aġenzija għandha żżomm rekord tal-informazzjoni kollha nnotifikata fl-ambitu tal-paragrafi 2 u 3 u għandha tagħmilha disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 11

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 653/2007

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 653/2007 jiġi sostitwit mit-test stabbilit fl-Anness VI għal dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali li ġejjin għandhom japplikaw mingħajr ħsara għall-Artikolu 9.

2. Mill-31 ta' Mejju 2012, kull ċertifikat ECM għandu jinħareġ skont dan ir-Regolament lill-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija, bla ħsara għall-Artikolu 14a(8) tad-Direttiva 2004/49/KE.

3. Iċ-ċertifikati maħruġa minn korp taċ-ċertifikazzjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2012 abbażi tal-prinċipji u l-kriterji ekwivalenti għal dawk tal-Memorandum ta' Ftehim li jistabbilixxi l-prinċipji bażiċi ta' sistema komuni taċ-ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija ffirmat mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza fl-14 ta' Mejju 2009 għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikati ECM maħruġa skont dan ir-Regolament għall-perjodu ta' validità oriġinali tagħhom iżda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2015.

4. Iċ-ċertifikati maħruġa minn korp taċ-ċertifikazzjoni lill-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2012 abbażi tal-liġijiet nazzjonali eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u ekwivalenti għal dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 7 u l-Annessi I u III, għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikati ECM maħruġa fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għall-perjodu ta' validità oriġinali tagħhom iżda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2015.

5. Iċ-ċertifikati maħruġa mill-workshops ta' manutenzjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2014 abbażi tal-liġijiet nazzjonali eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikati għall-workshops ta' manutenzjoni li jwettqu l-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni maħruġa fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għall-perjodu ta' validità oriġinali tagħhom iżda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2017.

▼B

6. Mingħajr ħsara għall-paragrafi 3 sa 5, l-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni għal vaguni tal-merkanzija rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2012 għandhom jiġu ċċertifikati skont dan ir-regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2013. Matul dan il-perjodu, awtodikjarazzjonijiet ta' konformità tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni mar-rekwiżiti rilevanti tar-regolament attwali jew mal-Memorandum ta' Ftehim li jistabbilixxi l-prinċipji bażiċi ta' sistema komuni ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija, iffirmat mill-Istati Membri fl-14 ta' Mejju 2009, għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikati ECM maħruġa fl-ambitu ta' dan ir-regolament.

7. L-impriżi ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura li diġà huma ċċertifikati skont l-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 2004/49/KE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2012 ma għandhomx japplikaw għal ċertifikat ECM għall-perjodu ta' validità oriġinali taċ-ċertifikati tagħhom għall-manutenzjoni tal-vaguni li huma responsabbli għalihom bħala entità responsabbli mill-manutenzjoni.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Il-prinċipji li għandhom jintużaw għall-organizzazzjonijiet li japplikaw għal ċertifikat fir-rigward tal-funzjonijiet tal-manutenzjoni sottokuntrattati minn entità responsabbli mill-manutenzjoni

1. Għaċ-ċertifikazzjoni ta' entita jew organizazzjoni li twettaq funzjoni ta' manutenzjoni waħda jew aktar ta' entita responsabbli mill-manutenzjoni (żvilupp tal-manutenzjoni, immaniġġjar tal-manutenzjoni tal-flotta, twettiq tal-manutenzjoni) jew partijiet minnhom, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti u l-kriterji ta' valutazzjoni li ġejjin li jinsabu fl-Anness III:

   (a) rekwiżiti u kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fit-taqsima I tal-Anness III, skont it-tip ta' organizzazzjoni u l-limitu tas-servizz;

   (b) rekwiżiti u kriterji tal-valutazzjoni li jiddeskrivu l-funzjoni jew il-funzjonijiet tal-manutenzjoni speċifiċi.

2. Għaċ-ċertifikazzjoni ta' workshop ta' manutenzjoni li jwettaq il-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti u kriterji ta' valutazzjoni li ġejjin li jinsabu fl-Anness III:

   (a) ir-rekwiżiti u l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fit-taqsima I tal-Anness III, li għandhom jiġu adattati għall-attività speċifika ta' workshop tal-manutenzjoni li qed jipprovdi l-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni;

   (b) il-proċessi li jiddeskrivu l-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni.

▼B

ANNESS II

Il-kriterji għall-akkreditament jew rikonoxximent tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni involuti fil-valutazzjoni u għoti taċ-ċertifikati ECM

1. ORGANIZZAZZJONI

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jiddokumenta l-istruttura organizzattiva tiegħu, billi jindika x'inhuma d-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet u l-awtoritajiet ta' mmaniġġjar u persunal ieħor ta' ċertifikazzjoni u kwalunkwe kumitat. Meta l-korp taċ-ċertifikazzjoni jkun parti definita minn entità legali, l-istruttura għandha tinkludi l-linji ta' awtorità u r-relazzjoni ma' partijiet oħra fi ħdan l-istess entità legali.

2. INDIPENDENZA

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun korp indipendenti mil-lat organizzattiv u funzjonali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, mill-impriżi ferrovjarji, il-maniġers tal-infrastruttura, is-sidien, il-manifatturi u l-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni u m'għandux jipprovdi servizzi simili.

L-indipendenza tal-persunal responsabbli mill-kontrolli taċ-ċertifikazzjoni għandha tiġi ggarantita. L-ebda uffiċjal m'għandu jiġi rrimunerat abbażi tan-numru ta' kontrolli mwettqa jew tar-riżultati ta' dawk il-kontrolli.

3. KOMPETENZA

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni u l-persunal impjegat għandu jkollu l-kompetenza professjonali meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u s-sistema tal-manutenzjoni xierqa.

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu juri:

(a) esperjenza solida fil-valutazzjoni tas-sistemi tal-immaniġġjar;

(b) għarfien dwar ir-rekwiżiti applikabbli tal-leġiżlazzjoni.

It-tim stabbilit għas-sorveljanza tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni għandu jkollu esperjenza fl-qosma rilevanti u, b'mod partikolari għandu juri:

(a) għarfien u fehim xierqa tal-leġiżlazzjoni Ewropea applikabbli;

(b) kompetenza teknika rilevanti;

(c) minimu ta' tliet snin esperjenza rilevanti fil-manutenzjoni b'mod ġenerali;

(d) esperjenza adegwata fil-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija jew tal-anqas fil-manutenzjoni f'setturi industrijali ekwivalenti.

4. IMPARZJALITÀ

Id-deċiżjonijiet tal-korp taċ-ċertifikazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq evidenza oġġettiva ta' konformità jew nuqqas ta' konformità miksuba mill-korp taċ-ċertifikazzjoni, u m'għandhomx jiġu influwenzati minn interessi jew partijiet oħra.

5. RESPONSABBILTÀ

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni mhuwiex responsabbli għall-konformità kontinwa mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni.

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu r-responsabbiltà li jivvaluta evidenza oġġettiva adegwata biex fuqha jibbaża d-deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni.

▼B

6. TRASPARENZA

Korp taċ-ċertifikazzjoni jeħtieġ li jipprovdi aċċess pubbliku għal jew żvelar ta' informazzjoni xierqa u f'waqtha dwar il-proċess tal-verifika u l-proċess taċ-ċertifikazzjoni tiegħu. Jeħtieġ ukoll li jipprovdi informazzjoni dwar l-istat taċ-ċertifikazzjoni (inklużi il-ħruġ, l-estensjoni, iż-żamma, it-tiġdid, is-sospensjoni, it-tnaqqis fl-ambitu jew ir-revoka taċ-ċertifikazzjoni) ta' kull organizzazzjoni, sabiex joħloq sens ta' fiduċja fl-integrità u l-kredibbiltà taċ-ċertifikazzjoni. Il-trasparenza huwa prinċipju ta' aċċess għal, u ta' żvelar ta', informazzjoni xierqa.

7. KUNFIDENZJALITÀ

Sabiex jinkiseb aċċess privileġġat għall-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata, b'mod adegwat, il-konformità mar-rekwiżiti, korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jżomm kunfidenzjali kull informazzjoni kummerċjali dwar klijent.

8. PROĊEDURA GĦALL-ILMENTI

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jistabbilixxi proċedura biex jindirizza tilwim relatat ma' deċiżjonijiet u attivitajiet oħra relatati maċ-ċertifikazzjoni.

9. RESPONSABBILTÀ U FINANZJAMENT

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun kapaċi juri li huwa vvaluta r-riskji marbuta mal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tiegħu u li għandu l-arranġamenti xierqa (inkluż assigurazzjoni jew riżervi) biex ikopri ir-responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tiegħu f'kull qasam tal-attivitajiet tiegħu u f'kull żona ġeografika li jopera fiha.

▼B

ANNESS III

Ir-rekwiżiti u l-kriterji ta' valutazzjoni għall-organizzazzjonijiet li japplikaw għal ċertifikat ECM jew għal ċertifikat fir-rigward tal-funzjonijiet tal-manutenzjoni sottokuntrattati minn entità responsabbli mill-manutenzjoni

I. **Rekwiżiti tal-funzjoni tal-immaniġġjar u kriterji għall-valutazzjoni**

1. Tmexxija – *impenn lejn l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' manutenzjoni tal-organizzazzjoni u lejn it-titjib kontinwu tal-effikaċja tagħha*

L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri:

(a) biex tistabbilixxi politika ta' manutenzjoni xierqa għat-tip ta' organizzazzjoni u għal-livell tas-servizzi, li tkun approvata mill-kap eżekuttiv tal-organizzazzjoni jew mir-rappreżentant tiegħu jew tagħha;

(b) biex tiżgura li jiġu stabbiliti miri tas-sikurezza, b'konformità mal-qafas legali u konsistenti mat-tip, il-livell u r-riskji rilevanti tal-organizzazzjoni;

(c) biex tivvaluta l-prestazzjoni ġenerali tas-sikurezza tagħha fir-rigward tal-miri tas-sikurezza korporattivi;

(d) biex tiżviluppa pjanijiet u proċeduri biex tilħaq il-miri tas-sikurezza tagħha;

(e) biex tiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi meħtieġa biex jitwettqu l-proċessi kollha b'konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

(f) biex tidentifika u timmaniġġja l-impatt tal-attivitajiet amministrattivi l-oħra fuq is-sistema tal-manutenzjoni;

(g) biex tiżgura li l-maniġment għoli jkun konxju tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni u tal-verifiki u jieħu r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni ta' tibdiliet fis-sistema tal-manutenzjoni;

(h) biex tiżgura li l-persunal u r-rappreżentanti tiegħu jkunu rappreżentati u kkonsultati b'mod xieraq fil-proċess ta' definizzjoni, żvilupp, monitoraġġ u reviżjoni tal-aspetti tas-sikurezza tal-proċessi kollha relatati li jistgħu jinvolvu lill-persunal.

2. Valutazzjoni tar-riskju – *approċċ strutturat biex jiġu vvalutati r-riskji assoċjati mal-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija, inklużi dawk li jirriżultaw direttament minn proċessi operattivi u minn attivitajiet ta' organizzazzjonijiet jew persuni oħra, u biex jiġu identifikati l-miżuri xierqa għall-kontroll tar-riskju*

2.1. L-organizzazzjoni għandha jkollha proċeduri:

(a) biex tanalizza r-riskji rilevanti għal-livell tal-operazzjonijiet imwettqa mill-organizzazzjoni, inklużi r-riskji li jirriżultaw minn difetti u nuqqas ta' konformità jew malfunzjonament tal-kostruzzjoni matul iċ-ċiklu ta' ħajja;

(b) biex tivvaluta r-riskji msemmija fil-punt (a);

(c) biex tiżviluppa u tistabbilixi miżuri ta' kontroll tar-riskju.

▼B

2.2. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri u arranġamenti stabbiliti biex tagħraf il-ħtieġa u l-impenn għall-kollaborazzjoni mas-sidien, mal-impriżi ferrovjarji, mal-maniġers tal-infrastruttura jew mal-partijiet interessati l-oħra.

2.3. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju biex timmaniġġja t-tibdiliet fit-tagħmir, fil-proċeduri, fl-organizzazzjoni, fil-personal jew l-interkonnessjonijiet, u biex tapplika r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 352/2009 ([1]).

2.4. Fil-valutazzjoni tar-riskju, organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri li jqisu l-ħtieġa li jiġi ddeterminat, ipprovdut u sostnut ambjent ta' xogħol xieraq li jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u ma' dik nazzjonali, b'mod partikolari mad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE ([2]).

3. Monitoraġġ – *approċċ strutturat li jiżgura li jiġu stabbiliti l-miżuri għall-kontroll tar-riskju, li jkunu qed jaħdmu sew u li qed jilħqu l-għanijiet tal-organizzazzjoni*

3.1. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura biex b'mod regolari tiġbor, timmonitorja u tanalizza d-dejta rilevanti dwar is-sikurezza, inklużi:

(a) il-prestazzjoni tal-proċessi rilevanti;

(b) ir-riżultati tal-proċessi (inkluż is-servizzi u prodotti kuntrattati kollha);

(c) l-effikaċja tal-arranġamenti tal-kontroll tar-riskju;

(d) l-informazzjoni dwar l-esperjenza, il-malfunzjonament, id-difetti u t-tiswijiet li jirriżultaw mill-operat ta' kuljum u l-manutenzjoni.

3.2. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex tiżgura li aċċidenti, inċidenti, kważi inċidenti u okkorrenzi perikoluži oħra jiġu rrapportati, irreġistrati, investigati u analizzati.

3.3. Biex issir reviżjoni perjodika tal-proċessi kollha, l-organizzazzjoni għandu jkollha sistema interna ta' verifika li tkun indipendenti, imparzjali u li taġixxi b'mod trasparenti. Din is-sistema għandu jkollha proċeduri stabbiliti biex:

(a) tiżviluppa pjan intern ta' verifika, li jista' jiġi rivedut skont ir-riżultati miksuba fil-verifiki preċedenti u mill-monitoraġġ tal-prestazzjoni;

(b) tanalizza u tivvaluta r-riżultati tal-verifiki;

(c) tipproponi u timplimenta miżuri/azzjonijiet korrettivi speċifiċi;

(d) tivverifika l-effikaċja tal-miżuri/azzjonijiet preċedenti.

4. Titjib kontinwu – *approċċ strutturat biex tiġi analizzata l-informazzjoni miġbura permezz ta' monitoraġġ regolari, verifiki, jew sorsi oħra rilevanti, u biex ir-riżultati jservu ta' tagħlim u biex jiġu adottati miżuri preventivi jew korrettivi għaż-żamma jew it-titjib tal-livell tas-sikurezza*

L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex tiżgura li:

(a) n-nuqqasijiet identifikati jiġu rettifikati;

(b) l-iżviluppi ġodda fis-sikurezza jiġu implimentati;

(c) ir-riżultati tal-verifika interna jintużaw biex titjieb is-sistema;

([1]) ĠU L 108, 29.4.2009, p. 4.
([2]) ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

▼B

(d) jiġu implimentati azzjonijiet preventivi jew korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità tas-sistema ferrovjarja mal-istandards u rekwiżiti oħra matul iċ-ċiklu ta' ħajja tat-tagħmir jew tal-operazzonijiet;

(e) l-informazzjoni rilevanti fir-rigward tal-investigazzjoni u l-kawżi tal-aċċidenti, inċidenti, kważi inċidenti u okkorrenzi perikoluži oħra tintuża bħala tagħlim u, meta jkun meħtieġ, jiġu adottati miżuri għat-titjib tal-livell ta' sikurezza;

(f) ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti mill-awtorità nazzjonali tas-sikurezza, mill-korp nazzjonali ta' investigazzjoni u mill-investigazzjonijiet industrijali u interni jiġu vvalutati u implimentati jekk ikunu xierqa;

(g) l-informazzjoni/rapporti rilevanti minn impriżi ferrovjarji/maniġers tal-infrastruttura u sidien jew sorsi rilevanti oħra jiġu kkunsidrati u meqjusa.

5. Struttura u Responsabbiltà – *approċċ strutturat biex jiġu ddefiniti r-responsabbiltajiet ta' individwi u timijiet għal kisba sikura tal-għanijiet ta' sikurezza tal-organizzazzjoni*

5.1. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex talloka r-responsabbiltajiet għall-proċessi kollha rilevanti madwar l-organizzazzjoni kollha.

5.2. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex tiddefinixxi b'mod ċar l-oqsma ta' responsabbiltà relatati mas-sikurezza, id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet għal funzjonijiet speċifiċi assoċjati magħhom kif ukoll mal-intermedjarji tagħhom. Dawn jinkludu l-proċeduri indikati hawn fuq bejn l-organizzazzjoni u s-sidien u fejn hu xieraq l-impriżi ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura.

5.3. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex tiżgura li l-persunal b'responsabbiltajiet delegati fi ħdan l-organizzazzjoni jkollu l-awtorità, il-kompetenza u r-riżorsi adegwati biex jaqdi l-funzjoni tiegħu. Ir-responsabbiltà u l-kompetenza għandhom ikunu koerenti u kompatibbli mar-rwol stipulat u d-delegazzjoni għandha tkun bil-miktub.

5.4. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex tiżgura l-koordinazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-proċessi rilevanti fi ħdan l-organizzazzjoni kollha.

5.5. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex iżżomm lil dawk li għandhom rwol amministrattiv responsabbli għall-prestazzjoni tagħhom fir-rigward tas-sikurezza.

6. L-Immaniġġjar tal-Kompetenzi – *approċċ strutturat biex jiġi żgurat li l-impjegati jkollhom il-kompetenzi meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-organizzazzjoni b'mod sikur, effikaċi u effiċjenti fiċ-ċirkostanzi kollha.*

6.1. L-organizzazzjoni għandha twaqqaf sistema tal-immaniġġjar tal-kompetenzi li tkopri:

(a) l-identifikazzjoni tal-karigi bir-responsabbiltà li jwettqu, fi ħdan is-sistema, il-proċessi neċessarji kollha għall-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

(b) l-identifikazzjoni tal-karigi li jinvolvu funzjonijiet relatati mas-sikurezza;

(c) l-allokazzjoni ta' persunal bil-kompetenzi xierqa għall-funzjonijiet rilevanti.

▼B

6.2. Fi ħdan is-sistema tal-immaniġġjar tal-kompetenzi tal-organizzazzjoni hemm proċeduri li jaraw li l-kompetenzi tal-persunal tal-inqas jinkludu:

(a) l-identifikazzjoni tal-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa għall-funzjonijiet relatati mas-sikurezza skont ir-responsabbiltajiet tagħhom;

(b) il-prinċipji selettivi inklużi l-livell edukattiv bażiku, il-kapaċità mentali u s-saħħa fiżika;

(c) it-taħriġ inizjali u l-kwalifiki jew ċertifikazzjoni tal-kompetenzi jew il-kapaċitajiet akkwiżiti;

(d) il-garanzija li l-persunal kollu jkun konxju tar-rilevanza u l-importanza tal-attivitajiet tiegħu u kif huwa jista' jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ta' sikurezza;

(e) it-taħriġ kontinwu u l-aġġornament perjodiku tal-għarfien u l-ħiliet eżistenti;

(f) il-kontrolli perjodiċi tal-kompetenzi, tal-attitudni mentali u tas-saħħa fiżika fejn meħtieġ;

(g) il-miżuri speċjali f'każ ta' aċċidenti/inċidenti jew assenza twila minn fuq il-post tax-xogħol, kif meħtieġ.

7. Informazzjoni – *approċċ strutturat biex jiġi żgurat li informazzjoni importanti tkun disponibbli għal dawk li jiġġudikaw u jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni*

7.1. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex jiġu ddefiniti mezzi ta' rappurtar biex tiżgura li, fi ħdan l-entità nnifisha u fil-ftehimiet kummerċjali tagħha ma' atturi oħra, inklużi maniġers tal-infrastruttura, impriżi ferrovjarji u sidien, l-informazzjoni dwar il-proċessi rilevanti kollha tiġi skambjata kif suppost u ppreżentata lill-persuna li jkollha r-rwol adattat kemm fi ħdan l-organizzazzjoni stess kif ukoll f'organizzazzjonijiet oħra, b'mod mgħaġġel u ċar.

7.2. Biex tiżgura skambju xieraq tal-informazzjoni, l-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri:

(a) għall-wasla u l-ipproċessar ta' informazzjoni speċifika;

(b) għall-identifikazzjoni, il-ġenerazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni speċifika;

(c) għad-disponibbiltà ta' informazzjoni affidabbli u aġġornata.

7.3. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex tiżgura li l-informazzjoni operattiva prinċipali tkun:

(a) rilevanti u valida;

(b) preċiża;

(c) kompleta;

(d) aġġornata b'mod xieraq;

(e) ikkontrollata;

(f) konsistenti u faċli biex tinftiehem (inkluż il-lingwa użata);

(g) għad-dispożizzjoni tal-persunal qabel ma tiġi applikata;

(h) aċċessibbli faċilment għall-persunal, u jiġu pprovduti kopji lilu fejn hu meħtieġ.

▼B

7.4. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 7.1, 7.2 u 7.3 japplikaw b'mod partikolari għall-informazzjoni operazzjonali li ġejja:

(a) il-verifiki tal-akkuratezza u l-kompletezza tar-reġistri nazzjonali tal-vetturi fir-rigward tal-identifikazzjoni (inkluż il-mezzi) u r-reġistrazzjoni tal-vaguni tal-merkanzija miżmuma mill-orġanizzazzjoni;

(b) id-dokumentazzjoni dwar il-manutenzjoni;

(c) l-informazzjoni dwar l-appoġġ mogħti lis-sidien u, fejn hu xieraq, lil partijiet oħra, inklużi impriżi ferrovjarji/maniġers tal-infrastruttura;

(d) l-informazzjoni dwar il-kwalifiki tal-persunal u superviżjoni sussegwenti mwettqa waqt l-iżvilupp tal-manutenzjoni;

(e) l-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet (inklużi l-għadd ta' mili, it-tip u l-livell tal-attivitajiet, l-inċidenti/aċċidenti) u t-talbiet min-naħa tal-impriżi ferrovjarji, is-sidien u l-maniġers tal-infrastruttura;

(f) rekords tal-manutenzjoni mwettqa, inklużi l-informazzjoni fuq nuqqasijiet identifikati waqt l-ispezzjonijiet u l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu mill-impriżi ferrovjarji jew mill-maniġers tal-infrastruttura bħall-ispezzjonijiet u monitoraġġ imwettqa qabel it-tluq tal-ferrovja jew fi triqtha;

(g) rilaxx għas-servizz u ritorn għall-operazzjoni;

(h) l-ordnijiet tal-manutenzjoni;

(i) l-informazzjoni teknika li għandha tiġi pprovduta lill-impriżi ferrovjarji/maniġers tal-infrastruttura u lis-sidien għall-istruzzjonijiet ta' manutenzjoni;

(j) l-informazzjoni ta' emerġenza li tikkonċerna sitwazzjoni fejn l-istat sikur tal-operat huwa mxekkel, li tista' tinkludi:

(i) l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet ta' użu jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-operat għal vaguni ta' merkanzija li tagħhom tagħmel il-manutenzjoni jew vetturi oħra tal-istess serje anki jekk il-manutenzjoni tagħhom issir minn entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni, fejn din l-informazzjoni trid titqassam ukoll mal-partijiet involuti kollha;

(ii) informazzjoni urġenti dwar kwistjonijiet relatati mas-sikurezza, identifikati matul il-proċess ta' manutenzjoni, bħal nuqqasijiet identifikati f'komponent komuni għal diversi tipi jew serje ta' vetturi;

(k) l-informazzjoni/dejta rilevanti kollha meħtieġa sabiex jiġi ppreżentat ir-rapport annwali dwar il-manutenzjoni lill-korp taċ-ċertifikazzjoni u lill-konsumaturi rilevanti (inkluż is-sidien), fejn dan ir-rapport irid ikun disponibbli ukoll fuq talba tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza.

8. Dokumentazjoni – *approċċ strutturat biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-informazzjoni rilevanti kollha*

8.1. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri xierqa stabbiliti biex jiġi żgurat li l-proċessi rilevanti kollha jiġu ddokumentati kif suppost.

8.2. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri xierqa stabbiliti biex:

(a) timmonitorja regolarment u taġġorna d-dokumentazzjoni rilevanti kollha;

(b) tifformattja, tiġġenera, tqassam u timmaniġġja l-kontroll tal-tibdiliet tad-dokumentazzjoni rilevanti kollha;

(c) tirċievi, tiġbor u tarkivja d-dokumentazzjoni rilevanti kollha.

▼B

9. Attivitajiet Kuntrattwali – *approċċ strutturat biex jiġi żgurat li attivitajiet sottokuntrattati jiġu mmaniġġjati kif xieraq sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-organizzazzjoni*

9.1. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri stabbiliti sabiex tiżgura li prodotti u servizzi li relatati mas-sikurezza jiġu identifikati.

9.2. Meta jintużaw kuntratturi u/jew forniturи ta' prodotti u servizzi relatati mas-sikurezza, l-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri stabbiliti biex tivverifika, fil-proċess tal-għażla, li:

(a) il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u l-forniturи huma kompetenti;

(b) il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u l-forniturи għandhom sistema ta' manutenzjoni u mmaniġġjar li hija xierqa u dokumentata.

9.3. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura biex tiddefinixxi r-rekwiżiti li tali kuntratturi u forniturи għandhom jissodisfaw.

9.4. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri stabbiliti biex timmonitorja kemm il-forniturи u/jew il-kuntratturi huma konxji tar-riskji li huma jikkawżaw lill-operazzjonijiet tal-organizzazzjoni.

9.5. Meta s-sistema ta' manutenzjoni/immaniġġjar ta' kuntrattur jew fornitur tkun iċċertifikata, l-applikazzjoni tal-proċess ta' monitoraġġ deskritta f'punt 3 tista' tkun limitata għar-riżultati tal-proċessi operattivi kuntrattati msemmija f'punt 3.1(b).

9.6. Tal-inqas, il-prinċipji bażiċi għall-proċessi li ġejjin għandhom ikunu definiti, magħrufa u allokati b'mod ċar fil-kuntratt bejn il-partijiet kontraenti:

(a) ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet, fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mas-sikurezza ferrovjarja;

(b) l-obbligi relatati mat-trasferiment tal-informazzjoni rilevanti bejn iż-żewġ partijiet;

(c) it-traċċabbiltà ta' dokumenti relatati mas-sikurezza.

II. **Rekwiżiti u kriterji ta' valutazzjoni għall-funzjoni ta' żvilupp tal-manutenzjoni**

1. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura biex biha tidentifika u timmaniġġja l-attivitajiet kollha ta' manutenzjoni li jaffettwaw is-sikurezza u l-komponenti kritiċi għas- sikurezza.

2. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex tiggarantixxi l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tal-interoperabbiltà, inkluż l-aġġornamenti matul iċ-ċiklu tal-ħajja, billi:

(a) tiżgura l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-paramentri bażiċi tal-interoperabbiltà kif stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (TSIs) rilevanti;

(b) tivverifika, fiċ-ċirkostanzi kollha, il-konsistenza tal-fajl tal-manutenzjoni mal-awtorizzazzjoni tad-dħul għas-servizz (inkluż kwalunkwe rekwiżit tal-awtorità nazzjonali tas-sikurezza), id-dikjarazzjonijiet ta' konformità mat-TSIs, id-dikjarazzjonijiet ta' verifika, u l-fajl tekniku;

(c) timmaniġġja kull sostituzzjoni fil-proċess tal-manutenzjoni b'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/57/KE u mat-TSIs rilevanti;

▼B

(d) tidentifika l-ħtieġa ta' valutazzjoni tar-riskju, billi tqis l-impatt potenzjali tas-sostituzzjoni inkwistjoni fuq is-sikurezza tas-sistema ferrovjarja;

(e) timmaniġġja l-konfigurazzjoni tat-tibdiliet tekniċi kollha li jaffettwaw l-integrità tas-sistema tal-vettura.

3. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura għad-disinn u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-faċilitajiet ta' manutenzjoni, tagħmir u għodda żviluppati u meħtieġa speċifikament għat-twettiq ta' manutenzjoni. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura biex tivverifika jekk dawn il-faċilitajiet, tagħmir u għodda jintużaw, jinħażnu u jinżammu skont l-iskeda ta' manutenzjoni tagħhom u b'konformità mar-rekwiżiti ta' manutenzjoni tagħhom.

4. Meta l-vaguni tal-merkanzija jibdew joperaw, l-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex:

(a) tikseb id-dokumentazzjoni inizjali u tiġbor biżżejjed informazzjoni dwar operazzjonijiet ippjanati;

(b) tanalizza d-dokumentazzjoni inizjali u tipprovdi l-ewwel fajl tal-manutenzjoni, billi tikkunsidra wkoll l-obbligi li hemm fi kwalunkwe garanziji assoċjati;

(c) tiżgura li l-implimentazzjoni tal-ewwel fajl tal-manutenzjoni issir korrettament.

5. Biex iżżomm il-fajl tal-manutenzjoni aġġornat tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollha tal-vagun tal-merkanzija, l-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex:

(a) tiġbor, tal-inqas, l-informazzjoni rilevanti dwar:

(i) it-tipi u l-livell tal-operazzjonijiet imwettqa effettivament li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, inċidenti operazzjonali b'possibbiltà li tiġi affettwata l-integrità tas-sikurezza tal-vaguni tal-merkanzija;

(ii) it-tip u l-livell tal-operazzjonijiet ippjanati;

(iii) il-manutenzjoni effettivament imwettqa;

(b) tanalizza l-ħtieġa ta' aġġornamenti, billi jitqiesu l-valuri ta' limitu għall-interoperabbiltà;

(c) tagħmel proposti għal tibdiliet u għall-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom, li jwasslu għal deċiżjoni bbażata fuq kriterji ċari, billi jitqiesu s-sejbiet mill-valutazzjoni tar-riskju;

(d) tiżgura li l-implimentazzjoni tat-tibdiliet issir korrettament.

6. Meta jiġi applikat il-proċess ta' mmaniġġjar tal-kompetenza għall-funzjoni tal-immaniġġjar tal-kompetenzi għall-iżvilupp tal-manutenzjoni, għandhom jitqiesu, tal-anqas, l-attivitajiet li ġejjin li jaffettwaw is-sikurezza:

(a) il-valutazzjoni tal-impatt tat-tibdiliet fil-fajl tal-manutenzjoni u s-sostituzzjonijiet proposti fil-proċess ta' manutenzjoni;

(b) id-dixxiplini fl-inġinerija meħtieġa għall-immaniġġjar tal-istabbiliment u t-tibdiliet tal-fajl ta' manutenzjoni u l-iżvilupp, valutazzjoni, validazzjoni u approvazzjoni tas-sostituzzjonijiet waqt il-proċess ta' manutenzjoni;

(c) tekniki tat-tgħaqqid (inkluż is-saldatura u l-irbit), sistemi tal-ibbrejkjar, settijiet ta' roti u tagħmir tal-iggankjar (draw gear), tekniki ta' testijiet nondistruttivi u attivitajiet ta' manutenzjoni fuq komponenti speċifiċi tal-vaguni tal-merkanzija maħsuba għat-trasport ta' prodotti perikoluż bħal pereżempju tankijiet u valvijiet.

▼B

7. Meta jiġi applikat il-proċess ta' dokumentazzjoni għall-funzjoni ta' żvilupp tal-manutenzjoni, għandha tiġi ggarantita, tal-inqas, it-traċċabbiltà tal-elementi li ġejjin:

(a) id-dokumentazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp, il-valutazzjoni, il-validazzjoni u l-approvazzjoni ta' sostituzzjoni fil-proċess ta' manutenzjoni;

(b) il-konfigurazzjoni tal-vetturi, inkluża iżda mhux limitata għal komponeti relatati mas-sikurezza;

(c) ir-rekords dwar il-manutenzjoni mwettqa;

(d) ir-riżultati ta' studji dwar ir-riżultati tal-esperjenzi miksuba;

(e) il-verżjonijiet suċċessivi kollha tal-fajl tal-manutenzjoni inkluża l-valutazzjoni tar-riskju;

(f) ir-rapporti dwar il-kompetenza u s-superviżjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni u tal-immaniġġjar tal-manutenzjoni tal-flotta;

(g) l-informazzjoni teknika li għandha tingħata bħala appoġġ lis-sidien, lill-impriżi ferrovjarji u lill-maniġers tal-infrastruttura.

III. **Rekwiżiti u kriterji ta' valutazzjoni għall-funzjoni ta' mmaniġġjar tal-manutenzjoni tal-flotta**

1. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura biex tikkontrolla l-kompetenza, id-disponibbiltà u l-kapaċità tal-entità responsabbli għat-twettiq tal-manutenzjoni mogħti qabel ma jsiru l-ordnijiet għall-manutenzjoni. Dan jeħtieġ li l-workshops tal-manutenzjoni huma kwalifikati kif suppost biex jiddeċiedu dwar rekwiżiti għall-kompetenzi tekniċi fil-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni.

2. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura għall-kompożizzjoni tal-pakkett tax-xogħol u għall-ħruġ u r-rilaxx tal-ordni ta' manutenzjoni.

3. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura biex tibgħat vaguni tal-merkanzija għall-manutenzjoni fil-ħin opportun.

4. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura biex timmaniġġja t-tneħħija tal-vaguni tal-merkanzija mill-operat għall-manutenzjoni jew meta jiġu identifikati xi difetti.

5. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura biex tiddefinixxi l-miżuri ta' kontroll meħtieġa applikabbli għall-manutenzjoni mwettqa u għar-rilaxx għas-servizz tal-vaguni tal-merkanzija.

6. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċedura dwar kif toħroġ avviż ta' ritorn għall-operazzjoni, billi titqies id-dokumentazzjoni ta' rilaxx għas-servizz.

7. Meta jiġi applikat il-proċess għall-immaniġġjar tal-kompetenzi (CM) għall-funzjoni tal-immaniġġjar tal-manutenzjoni tal-flotta, tal-inqas għandu jitiqies ir-ritorn għall-operazzjoni tal-vaguni.

8. Meta jiġi applikat il-proċess ta' informazzjoni għall-funzjoni ta' immaniġġjar tal-manutenzjoni tal-flotta, tal-inqas l-elementi li ġejjin għandhom jiġu pprovduti għall-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni:

(a) ir-regoli u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli;

(b) il-pjan ta' manutenzjoni għal kull vagun tal-merkanzija;

(c) lista tal-partijiet ta' rikambju, inkluża deskrizzjoni teknika dettaljata biżżejjed għal kull parti sabiex kull parti tiġi sostitwita b'waħda eżatt bħalha bl-istess garanziji;

▼B

(d) lista ta’ materjali inkluża deskrizzjoni dettaljata biżżejjed tal-użu u l-informazzjoni meħtieġa dwar is-saħħa u s-sikurezza;

(e) dossjer li jiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-attivitajiet li jaffettwaw is-sikurezza u li jinkludu restrizzjonijiet fuq l-interventi u waqt l-użu għall-komponenti;

(f) lista ta’ komponenti jew sistemi li huma suġġetti għal rekwiżiti legali u l-lista ta’ dawn ir-rekwiżiti (inklużi l-akkumulaturi tal-brejkijiet u t-tankijiet għat-trasport ta’ oġġetti perikoluż);

(g) l-informazzjoni addizzjonali rilevanti kollha relatata mas-sikurezza skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-organizzazzjoni.

9. Meta jiġi applikat il-proċess ta’ informazzjoni għall-funzjoni ta’ immaniġġjar tal-manutenzjoni tal-flotta, tal-inqas ir-ritorn għall-operazzjoni, inklużi restrizzjonijiet tal-użu rilevanti għall-utenti (impriżi ferrovjarji u maniġers tal-infrastruttura) għandu jiġi kkomunikat lill-partijiet interessati.

10. Meta jiġi applikat il-proċess ta’ dokumentazzjoni għall-funzjoni tal-immaniġġjar tal-manutenzjoni tal-flotta, għandhom jiġu rreġistrati, tal-inqas, l-elementi li ġejjin:

(a) l-ordnijiet tal-manutenzjoni;

(b) ir-ritorn fl-operat inklużi restrizzjonijet dwar l-użu rilevanti għall-impriżi ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura.

IV. **Rekwiżiti u kriterji ta’ valutazzjoni għall-funzjoni ta’ twettiq tal-manutenzjoni**

1. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex:

(a) tivverifika l-kompletezza u l-adegwatezza tal-informazzjoni mogħtija mill-funzjoni tal-immaniġġjar tal-manutenzjoni tal-flotta fir-rigward tal-attivitajiet ordnati;

(b) tivverifika l-użu tad-dokumenti ta’ manutenzjoni meħtieġa u rilevanti u standards oħra applikabbli għat-twettiq ta’ servizzi ta’ manutenzjoni skont l-ordnijiet ta’ manutenzjoni;

(c) tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet ta’ manutenzjoni rilevanti kollha fl-ordnijiet tal-manutenzjoni jkunu disponibbli għall-persunal involut kollu (pereżempju, jkunu disponibbli fl-istruzzjonijiet tax-xogħol intern);

(d) tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet ta’ manutenzjoni rilevanti, kif definiti fir-regolamenti applikabbli, u l-istandards speċifiċi li jkun hemm fl-ordnijiet ta’ manutenzjoni, ikunu disponibbli għall-persunal involut kollu (pereżempju, ikunu disponibbli fl-istruzzjonijiet tax-xogħol intern).

2. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex tiżgura li:

(a) il-komponenti (inklużi partijiet ta’ rikambju) u l-materjali jintużaw kif speċifikat fl-ordnijiet tal-manutenzjoni u fid-dokumentazzjoni tal-fornitur;

(b) il-komponenti u l-materjali jiġu maħżuna, trattati u trasportati b’mod li jipprevjeni li jitgħarrqu u li ssirilhom xi ħsara u kif inhu speċifikat fl-ordnijiet tal-manutenzjoni u fid-dokumentazzjoni tal-fornitur;

(c) il-komponenti u l-materjali kollha, inklużi dawk provduti mill-konsumatur, jikkonformaw mar-regoli nazzjonali u internazzjonali rilevanti kif ukoll mar-rekwiżiti tal-ordnijiet ta’ manutenzjoni rilevanti.

▼B

3. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex tiddetermina, tidentifika, tipprovdi, tirreġistra u tpoġġi għad-dispożizzjoni faċilitajiet, tagħmir u għodda adattati u xierqa biex hija tkun tista' twettaq servizzi ta' manutenzjoni skont l-ordnijiet ta' manutenzjoni u speċifikazzjonijiet applikabbli oħra, filwaqt li tiżgura:

   (a) it-twettiq sikur tal-manutenzjoni, inklużi s-saħħa u s-sikurezza tal-persunal tal-manutenzjoni;

   (b) l-ergonomija u l-protezzjoni tas-saħħa, inklużi wkoll l-intermedjarji bejn l-utenti u s-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni jew it-tagħmir dijanjostiku.

4. Fejn ikun meħtieġ li jiġu żgurati riżultati validi, l-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri li jiżguraw li t-tagħmir ta' kejl tagħha ikun:

   (a) ikkalibrat jew ivverifikat f'intervalli speċifiċi, jew qabel l-użu, skont standards ta' kejl internazzjonali, nazzjonali jew industrijali – fejn ma jeżistux tali standards, għandha tiġi rreġistrata l-bażi għall-kalibrar jew verifika;

   (b) jista' jiġi aġġustat jew aġġustat mill-ġdid jekk meħtieġ;

   (c) jista' jiġi identifikat biex l-istat ta' kalibrazzjoni jkun jista' jiġi ddeterminat;

   (d) salvagwardjat mill-aġġustamenti li jistgħu jinvalidaw ir-riżultat tal-kejl;

   (e) protett minn ħsara u deterjorazzjoni matul il-proċessi ta' trattament, manutenzjoni u ħżin.

5. L-organizzazzjoni għandu jkollha proċeduri biex tiżgura li l-faċilitajiet, it-tagħmir u l-għodda kollha jintużaw, jiġu kkalibrati, preservati u miżmuma skont il-proċeduri ddokumentati.

6. L-organizzazjoni għandu jkollha proċeduri biex tivverifika li l-kompiti ta' manutenzjoni mwettqa huma skont l-ordnijiet ta' manutenzjoni u biex toħroġ l-avviż ta' rilaxx għas-servizz li jinkludi restrizzjonijiet eventwali ta' użu.

7. Meta jiġi applikat il-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju (u b'mod partikolari punt 2.4 tat-taqsima I) għall-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni, l-ambjent tax-xogħol ma jinkludix biss il-workshops fejn issir il-manutenzjoni iżda wkoll il-binarji barra l-bini tal-workshop u l-postijiet kollha fejn jitwettqu l-attivitajiet tal-manutenzjoni.

8. Meta jiġi applikat il-proċess ta' mmaniġġjar tal-kompetenzi għall-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni, għandhom jitqiesu, tal-anqas, l-attivitajiet li ġejjin li jaffettwaw is-sikurezza:

   (a) tekniki tat-tgħaqqid (inkluż is-saldatura u l-irbit);

   (b) testijiet nondistruttivi;

   (c) it-testijiet finali tal-vetturi u r-rilaxx għas-servizz;

   (d) l-attivitajiet ta' manutenzjoni fuq is-sistemi tal-ibbrejkjar, settijiet tar-roti u tagħmir tal-iggankjar u attivitajiet ta' manutenzjoni fuq komponenti speċifiċi tal-vaguni tal-merkanzija għat-trasport ta'oġġetti perikoluż bħal pereżempju tankijiet, valvijiet, etc.;

   (e) oqsma speċjalizzati identifikati oħra li jaffettwaw is-sikurezza.

▼B

9. Meta jiġi applikat il-proċess ta' informazzjoni għall-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni tal-flotta, tal-inqas l-elementi li ġejjin għandhom jiġu pprovduti għall-funzjonijiet ta' mmaniġġjar tal-manutenzjoni tal-flotta u żvilupp tal-manutenzjoni:

   (a) ix-xogħlijiet imwettqa skont l-ordnijiet ta' manutenzjoni;

   (b) kwalunkwe nuqqas jew difett possibbli fir-rigward tas-sikurezza identifikati mill-organizzazzjoni;

   (c) ir-rilaxx għas-servizz.

10. Meta jiġi applikat il-proċess ta' dokumentazzjoni għall-funzjoni tat-twettiq tal-manutenzjoni, għandhom jiġu rreġistrati, tal-inqas, l-elementi li ġejjin:

   (a) l-identifikazzjoni ċara tal-faċilitajiet, tagħmir u għodda kollha fir-rigward ta' attivitajiet li jaffettwaw is-sikurezza;

   (b) ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni kollha mwettqa, inklużi l-persunal, għodda, tagħmir, partijiet ta' rikambju u materjali użati, filwaqt li jitqiesu:

      (i) ir-regoli nazzjonali rilevanti fil-post fejn l-organizzazzjoni hija stabbilita;

      (ii) ir-rekwiżiti stipulati fl-ordnijiet tal-manutenzjoni, li jinkludu rekwiżiti fir-rigward tar-rekords;

      (iii) it-testijiet u d-deċiżjonijiet finali fir-rigward tar-rilaxx għas-servizz;

   (c) il-miżuri ta' kontroll meħtieġa mill-ordnijiet tal-manutenzjoni u rilaxx għas-servizz;

   (d) ir-riżultati tal-kalibrar u verifika, fejn, għall-użu ta' softwer tal-kompjuter użat fil-monitoraġġ u kejl tar-rekwiżiti speċifikati, il-ħila tas-softwer li jwettaq il-kompitu meħtieġ għandu jiġi kkonfermat qabel l-użu inizjali u kkonfermat mill-ġdid kull meta jkun meħtieġ;

   (e) il-validità tar-riżultati ta' kejl preċedenti meta strument ta' kejl jinstab li ma jikkonformax mar-rekwiżiti.

▼B

ANNESS IV

APPLIKAZZJONI GĦAL ĊERTIFIKAT TA' ENTITÀ RESPONSABBLI MILL-MANUTENZJONI

Applikazzjoni għal ċertifikat li jikkonferma l-aċċettazzjoni tas-sistema ta' manutenzjoni ta' entità responsabbli mill-manutenzjoni (ECM) skont id-Direttiva 2004/49/KE u r-Regolament (UE) Nru 445/2011

Informazzjoni ta' kuntatt mal-korp taċ-ċertifikazzjoni

1.1 Organizzazzjoni indirizzata għall-applikazzjoni _____

1.2 Numru ta' referenza tal-korp taċ-ċertifikazzjoni: _____

1.3 Indirizz postali komplet (triq, kodiċi postali, belt, pajjiż) _____

_____

Informazzjoni dwar l-applikant

2.1 Titolu legali _____

2.2 Indirizz postali komplet (triq, kodiċi postali, belt, pajjiż) _____

_____

2.3 Numru tat-telefown _____ 2.4 Numru tal-faks _____

2.5 Indirizz elettroniku _____ 2.6 Websajt _____

2.7 Numru kummerċjali ta' reġistrazzjoni _____ 2.8 Nru tal-VAT _____

2.9 Informazzjoni oħra _____

Informazzjoni dwar il-persuna ta' kuntatt

3.1 Kunjom u isem _____

3.2 Indirizz postali komplet (triq, kodiċi postali, belt, pajjiż) _____

_____

3.3 Numru tat-telefown _____ 3.4 Numru tal-faks _____

3.5 Indirizz elettroniku _____

Dettalji dwar l-applikazzjoni

4.1 Referenza tal-applikazzjoni (mogħtija mill-applikant)

Din hija applikazzjoni għal

4.1.1 ċertifikat ġdid ☐ 4.1.2 ċertifikat aġġornat/emendat ☐

4.1.3 ċertifikat imġedded ☐

Dettalji operattivi

Tip ta' kumpanija

5.1 RU/IM ☐ 5.2 Sid ☐

5.3 oħrajn ☐ speċifika: _____

Ambitu tal-attivitajiet ECM

5.4 Ikopri vaguni b'tankjiet għal oġġetti perikolużi: IVA/LE
Ikopri vaguni oħra speċjalizzati fit-trasport ta' oġġetti perikolużi: IVA/LE

Funzjonijiet Operattivi ECM

▼B

		proprju	parzjali	sħiħ
5.5	Żvilupp tal-Manutenzjoni	5.4.1 ☐	5.4.2 ☐	5.4.3 ☐
5.6	Immaniġġjar tal-Manutenzjoni tal-Flotta	5.5.1 ☐	5.5.2 ☐	5.5.3 ☐
5.7	Twettiq tal-Manutenzjoni	5.6.1 ☐	5.6.2 ☐	5.6.3 ☐

Dokumenti ppreżentati

6.1 Dokumentazzjoni tas-sistema ta' manutenzjoni ☐

6.2 Oħrajn ☐ speċifika: _____

Firem

Applikant _____

(isem, kunjom)

Data _____ Firma _____

Korp taċ-ċertifikazzjoni _____

Numru ta' Referenza Intern

_____ Data tal-wasla tal-applikazzjoni _____

Data _____ Firma _____

SPAZJU RIŻERVAT GĦALL-UFFIĊĊJU/AWTORITÀ INDIRIZZAT/A

▼B

APPLIKAZZJONI GĦAL ĊERTIFIKAT TA' ENTITÀ RESPONSABBLI MILL-MANUTENZJONI

Applikazzjoni għal ċertifikat li jikkonferma l-aċċettazzjoni tas-sistema ta' manutenzjoni ta' entità responsabbli mill-manutenzjoni (ECM) skont id-Direttiva 2004/49/KE u r-Regolament (UE) Nru 445/2011

Informazzjoni ta' kuntatt mal-korp taċ-ċertifikazzjoni

1.1 Organizzazzjoni indirizzata għall-applikazzjoni _____

1.2 Numru ta' referenza tal-korp taċ-ċertifikazzjoni: _____

1.3 Indirizz postali komplet(triq, kodiċi postali, belt, pajjiż) _____

_____

Informazzjoni dwar l-applikant

2.1 Titolu legali _____

2.2 Indirizz postali komplet (triq, kodiċi postali, belt, pajjiż) _____

_____

2.3 Numru tat-telefown _____ 2.4 Numru tal-faks _____

2.5 Indirizz elettroniku _____ 2.6 Websajt _____

2.7 Numru kummerċjali ta' reġistrazzjoni _____ 2.8 Nru tal-VAT _____

2.9 Informazzjoni oħra _____

Informazzjoni dwar il-persuna ta' kuntatt

3.1 Kunjom u isem _____

3.2 Indirizz postali komplet (triq, kodiċi postali, belt, pajjiż) _____

_____

3.3 Numru tat-telefown _____ 3.4 Numru tal-faks _____

3.5 Indirizz elettroniku _____

Dettalji dwar l-applikazzjoni

4.1 Referenza tal-applikazzjoni (mogħtija mill-applikant)

Din hija applikazzjoni għal

4.1.1 ċertifikat ġdid ☐ 4.1.2 ċertifikat aġġornat/emendat ☐

4.1.3 ċertifikat imġedded ☐

Dettalji operattivi

Tip ta' kumpanija

5.1 RU/IM ☐ 5.2 Sid ☐

5.3 oħrajn ☐ speċifika: _____

Ambitu tal-attivitajiet

5.4 Ikopri vaguni b'tankjiet għal oġġetti perikoluż: IVA/LE
Ikopri vaguni oħra speċjalizzati fit-trasport ta' oġġetti perikoluż: IVA/LE

Funzjonijiet ta' Manutenzjoni

▼B

5.5	Żvilupp tal-Manutenzjoni	IVA ☐	LE ☐	Parzjali ☐
5.6	Immaniġġjar tal-Manutenzjoni tal-Flotta	IVA ☐	LE ☐	Parzjali ☐
5.7	Twettiq tal-Manutenzjoni	IVA ☐	LE ☐	Parzjali ☐

Għal funzjonijiet ta' manutenzjoni parzjali, is-sottofunzjonijiet li għalihom qiegħda tiġi ppreżentata din l-applikazzjoni (referenza għal-lista fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011):

_____

_____

_____

Dokumenti ppreżentati

6.1 Dokumentazzjoni tas-sistema ta' manutenzjoni ☐

6.2 Oħrajn ☐ speċifika: _____

Firem

Applikant _____

(isem, kunjom)

Data _____ Firma _____

Korp taċ-ċertifikazzjoni _____

Numru ta' Referenza Intern

_____ Data tal-wasla tal-applikazzjoni _____

Data _____ Firma _____

SPAZJU RIŻERVAT GĦALL-UFFIĊĊJU/AWTORITÀ INDIRIZZAT/A

▼B

ANNESS V

ĊERTIFIKAT TA' ENTITÀ RESPONSABBLI MILL-MANUTENZJONI

Ii jikkonferma l-aċċettazzjoni tas-sistema ta' manutenzjoni ta' entità responsabbli mill-manutenzjoni (ECM) fi ħdan l-Unjoni Ewropea skont id-Direttiva 2004/49/KE u r-Regolament (UE) Nru 445/2011

1. **ENTITÀ ĊĊERTIFIKATA RESPONSABBLI MILL-MANUTENZJONI**

Titolu Legali:	
Denominazzjoni jew akronimu kummerċjali (volontarji)	
Indirizz postali komplet (triq, kodiċi postali, belt, pajjiż)	
Numru kummerċjali ta' reġistrazzjoni	Nru tal-VAT:

2. **KORP TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI**

Titolu legali::
Indirizz postali komplet (triq, kodiċi postali, belt, pajjiż)
Numru ta' referenza tal-korp taċ-ċertifikazzjoni:

3. **INFORMAZZJONI DWAR IĊ-ĊERTIFIKAT**

Dan huwa	— ċertifikat ġdid ☐ — ċertifikat imġedded ☐ — ċertifikat aġġornat/emendat ☐	Numru tal- Identifikazzjoni ECM taċ-ċertifikat ta' qabel:
Validu minn:		sa:
Tip ta' kumpanija: (impriża ferrovjarja, sid, fornitur tal-manutenzjoni, eċċ)		

4. **AMBITU TAL-ATTIVITAJIET ECM**

Ikopru vaguni b'tankijiet għal oġġetti perikoluż	IVA/LE
Ikopru vaguni oħra speċjalizzati għat-trasport ta' oġġetti perikoluż	IVA/LE

5. **INFORMAZZJONI ADDIZJONALI**

Data tal-ħruġ u validità

Firma

Numru ta' Referenza Intern

Timbru tal-korp taċ-ċertifikazzjoni

▼B



ĊERTIFIKAT TA' FUNZJONIJIET TA' MANUTENZJONI

Li jikkonferma l-aċċettazzjoni tas-sistema ta' manutenzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropa skont id-Direttiva 2004/49/KE u r-Regolament (UE) Nru 445/2011

1. **ORGANIZZAZZJONI ĊĊERTIFIKATA**

Titolu Legali	
Denominazzjoni jew akronimu kummerċjali (volontarji)	
Indirizz postali komplet (triq, kodiċi postali, belt, pajjiż)	
Numru kummerċjali ta' reġistrazzjoni	Nru tal-VAT:

2. **KORP TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI**

Titolu legali
Indirizz postali komplet (triq, kodiċi postali, belt, pajjiż)
Numru ta' referenza tal-korp taċ-ċertifikazzjoni:

3. **INFORMAZZJONI DWAR IĊ-ĊERTIFIKAT**

Dan huwa	— ċertifikat ġdid ☐	
	— ċertifikat imġedded ☐	
	— ċertifikat aġġornat/emendat ☐	Numru tal-identifikazzjoni taċ-ċertifikat ta' qabel:
Validu minn:		sa:
Tip ta' kumpanija: (impriża ferrovjarja, sid, fornitur tal-manutenzjoni, eċċ)		

4. **AMBITU TAL-ATTIVITAJIET TA' MANUTENZJONI**

Ikopru vaguni b'tankijiet għal oġġetti perikoluż	IVA/LE
Ikopru vaguni oħra speċjalizzati għat-trasport ta' oġġetti perikoluż	IVA/LE

5. **FUNZJONIJIET TA' MANUTENZJONI**

Żvilupp tal-Manutenzjoni	IVA	☐	LE	☐
Immaniġġjar tal-Manutenzjoni tal-Flotta	IVA	☐	LE	☐
Twettiq tal-Manutenzjoni	IVA	☐	LE	☐

Għal funzjonijiet ta' manutenzjoni parzjali, is-sottofunzjonijiet li għalihom qiegħda tiġi ppreżentata din l-applikazzjoni (referenza għal-lista fl-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 445/2011

_____

_____

_____

_____

▼B

6. **INFORMAZZJONI ADDIZJONALI**

Data tal-ħruġ u validità

Firma

Numru ta' Referenza Intern

Timbru tal-korp taċ-ċertifikazzjoni

▼B

ANNESS VI

"ANNESS I

ĊERTIFIKAT TA' SIKUREZZA – PARTI A

Ċertifikat tas-Sikurezza li jikkonferma l-aċċettazzjoni tas-Sistema għall-Immaniġġjar tas-Sikurezzafi ħdan l-Unjoni Ewropea b'konformità mad-Direttiva 2004/49/KE u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli

NUMRU TAL-IDENTIFIKAZZJONI TAL-UE:

1. **IMPRIŻA FERROVJARJA ĊĊERTIFIKATA**

Titolu legali:	
Isem l-impriża ferrovjarja:	Akronimu:
Numru tar-reġistrazzjoni nazzjonali:	Nru tal-VAT:

2. **ORGANIZZAZZJONI TAL-ĦRUĠ TAĊ-ĊERTIFIKAT**

Organizzazzjoni:
Pajjiż:

3. **INFORMAZZJONI DWAR IĊ-ĊERTIFIKAT**

Dan huwa	— ċertifikat ġdid	☐	Ċertifikat ECM (Entità Responsabbli mill-Manutenzjoni) IVA/LE
	— ċertifikat imġedded	☐	Numru taċ-Ċertifikat ECM:
	— ċertifikat aġġornat/emendat	☐	Numru tal- Identifikazzjoni EU taċ-ċertifikat Parti A ta' qabel:
Validu minn:			sa:
Tip(i) ta' servizz(i):			
Volum tat-trasportazzjoni:			
Daqs tal-impriża ferrovjarja:			
Ambitu tal-attivitajiet tal-ECM: Ikopri vaguni b'tankjiet għal oġġetti perikolużi: IVA/LE Ikopri vaguni oħra speċjalizzati fit-trasport ta' oġġetti perikolużi: IVA/LE			

4. **IL-LEĠIŻLAZZJONI NAZZJONALI APPLIKABBLI**

5. **INFORMAZZJONI ADDIZJONALI**

Data tal-ħruġ

Firma _____

Numru ta' Referenza Intern

Timbru tal-Awtorità

"